SAN GILJAN

# Kunsill Lokali San Ġiljan

Triq Forrest, San Ġiljan, STJ 12
Tel: 21 375376, 21 373111 Fax: 21 373444
*e-mail:* sangiljan.lc@gov.mt

Rif Minuti 12/K5/06

**Nru. tal-laqgħa minn 07/04/'94 – 23/02/'06 201**

**Nru. ta' seduti minn 07/04/'94 – 23/02/'06 254**

**1. Introduzzjoni**

1.01 Minuti tal-Laqgħa li saret nhar il-Ħamis 23 ta' Frar 2006.

1.02 Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu, Triq Forrest, San Ġiljan, fl-4.00 p.m.

1.03 Preżenti: Sitt membri tal-Kunsill flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv Helen Walker u l-Iskrivana Lindsay Debattista.

1.04 Skużat: Il-Kunsillier Norman Vella

1.05 Kien hemm preżenti wkoll l-Accountant tal-Kunsill is-Sur Louis Padovani.

**1.1 Talba**

1.1.01 Inqrat it-talba.

**1.2 Aġenda**

1.2.01 Il-Kunsill mexa fuq l-avviż li ġie ppublikat fis-17 ta' Frar 2006. L-Aġenda kienet hekk:-

1. Approvazzjoni ta' Minuti
2. Korrispondenza
3. Rapport ta' Xogħlijiet
4. Rapport Finanzjarju
5. Budget / Business Plan Preparation
6. Aġġornament Residents Parking Scheme
7. Approvazzjoni għall-pagamenti tal-kontijiet
8. Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets

**1.3 Approvazzjoni ta' Minuti**

1.3.01 Iċ-Chairman Peter Bonello ressaq il-Minuti 11/K5/06 għall-approvazzjoni.

1.3.02 Il-Kunsillier Edgar Montanaro ppropona l-approvazzjoni tal-Minuti 11/K5/06.

1.3.03 Il-Kunsillier Karl Gouder issekondah.

1.3.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

**1.4** Saret sospensjoni tar-regolamenti sabiex jiġu diskussi items 4 u 5 qabel items 2 u 3.

**1.5** Ma kienx hemm oġġezzjoni.

**4. Rapport Finanzjarju**

4.01 Il-Kunsill ġie pprezentat b'kopja tar-Rapporti Finanzjarji sat-30 ta' Settembru 2005 u sal-31 ta' Diċembru 2005 (Ara Appendiċi 'A' u 'B').

4.02 Il-Kunsill ġie nfurmat li dawn ir-rapporti ma ġewx ippreżentati qabel minħabba li l-programm il-ġdid ta' Sage Pastel seta' jintuża fl-aħħar ġimgħat t'Ottubru 2005.

4.03 L-Accountant tal-Kunsill is-Sur Louis Padovani flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv Helen Walker taw spjegazzjoni tar-rapporti.

4.04 Wara diskussjoni qasira l-Kunsillier Richard Scicluna ppropona l-approvazzjoni tar-Rapporti Finanzjarji sat-30 ta' Settembru 2005 u sal-31 ta' Diċembru 2005.

4.05 Il-Kunsillier Karl Gouder issekondah.

4.06 Il-Kunsill qabel unanimament.

**5. Budget / Business Plan Preparation**

5.01 Il-Kunsill ġie pprezentat b'kopja tal-Budget / Business Plan għas-sena finanzjarja 2006 / 2007 (Ara Appendiċi 'Ċ').

5.02 L-Accountant tal-Kunsill is-Sur Louis Padovani flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv Helen Walker taw spjegazzjoni.

5.03 Il-Kunsilliera David Borg u Irene Borg waslu fl-4.25 p.m.

5.04 Wara diskussjoni qasira l-Kunsillier Karl Gouder ippropona l-approvazzjoni tal-Budget / Business plan.

5.05 Il-Kunsillier Richard Scicluna ssekondah.

5.06 Il-Kunsill qabel unanimament.

5.07 Il-Kunsill irringrazzja lis-Sur Louis Padovani u lis-Segretarju Eżekuttiv Helen Walker.

5.08 Is-Sur Louis Padovani ġie skużat fil-4.30 p.m.

**2 Korrispondenza**

2.01 Fuq il-mejda tal-konferenza tqegħdet il-korrispondenza li nqrat miċ-Chairman Peter Bonello. Dawn huma: -

| Rif. Nru. | Korrispondenza |
|---|---|
| 67 | E-mail mingħand it-Traffic Management Unit rigward traffic management in-naħa tal-Bajja ta' Spinola u ta' Bay Street. |
| 371 | Ittra mingħand it-Traffic Management Directorate rigward un/loading bay f'Paceville Avenue. |
| 450 | Ittra mingħand is-Sur Ryan Dimech dwar talba biex iwaħħal tlett tabelli bħala reklam fi Triq il-Qaliet. |
| 459 | Memo 4/2006 mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward Pubblikazzjoni ta' Avviż Legali Nru. 22 ta' l-2006. |
| 474 | Ittra mingħand is-Soċjeta' Mużikali tal-Karmnu Balluta fejn għarraf lill-Kunsill li mhux ser jieħdu sehem fl-attivita' tal-Karnival. |
| 482 | E-mail mingħand il-Kap ta' l-iskola Fra Diego Bonanno dwar Jum il-Premjazzjoni fit-28 ta' Marzu 2006. |
| 484 | E-mail mingħand l-STMicroelectronics Computer Training rigward id-dati ta' meta ser jibdew il-korsijiet. |
| 515 | Ittra mingħand The General Soft Drinks Co. Ltd rigward talba biex jidħlu f'Paceville filgħaxijiet meta jkollhom xogħol ta' emerġenza. |
| 600 | Ittra mingħand l-Environmental Landscapes Consortium Ltd dwar il-ħsarat li saru bil-maltemp lis-Siġar taż-Żebbuġ li hemm mal-promenade. |
| 625 | E-mail mingħand il-Faces Consultants Ltd rigward il-bus shelter ta' Triq San Ġorġ faċċata tal-Każin tal-Banda. |
| 653 | E-mail mingħand il-Monsinjur Emmanuel Curmi dwar programm għal ġbir ta' fondi b'risq il-Fondazzjoni Arka. |
| 680 | E-mail mingħand il-Maltapost p.l.c. dwar il-'letter boxes' f'San Ġiljan. |

700 Ċirkolari mingħand l-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali rigward ġbir ta' papri mil-lokalitajiet.

738 Ittra mingħand Lofaro and Tanti-Dougall Law Firm dwar talba għal appuntament f'isem Exclusive Car Parks Ltd biex topera l-car park ta' fejn il-Corinthia San Ġorġ Hotel.

740 Ittra mingħand l-Awtorita' ta' Malta dwar it-Turiżmu rigward talba biex isiru 5 "reserved parkings" ħdejn il-Palazz ta' Spinola minn fejn topera.

781 Ittra mingħand il-Public Transport Authority rigward il-Bus Shelter li hemm fi Triq B'Kara taħt il-pont.

**Fost l-ittri li nqraw ġew diskussi: -**

2.02 Rif. Nru. 371

Saret riferenza għall-ittra mingħand it-Traffic Management Directorate rigward un/loading bay f'Paceville Avenue. Ġie deċiż unanimament li l-Kunsillier Richard Scicluna jiltaqa' mat-Traffic Management Directorate sabiex terġa' tiġi rrikonsidrata t-talba tal-kunsill għal un/loading bay.

2.03 Rif. Nru. 450

B'riferenza għall-ittra mingħand is-Sur Ryan Dimech dwar talba biex iwaħħal tlett tabelli bħala reklam fi Triq il-Qaliet ġie deċiż unanimament li jiġi nfurmat li bħalissa l-Kunsill għaddej mill-proċess li joħroġ Bye-Laws dwar ir-reklami u għalhekk ma jistax jilqa' it-talba tiegħu. Iżda jekk ikun lest li jagħti donazzjoni ta' Lm50 għal kull reklam, fis-sena, sakemm tgħaddi din il-Bye-Laws il-Kunsill ma jsibx oġġezzjoni li jingħata l-permess dment li:-

- r-riklami li jagħmel ikunu ta' "Brand Awarness" biss jiġifieri li fuq ir-reklam jitniżżel biss l-isem tal-ħanut, fejn jinsab u l-ġeneru tal-ħanut mingħajr ma jinkiteb xi jbiegħ.
- Jintbagħat mudell / rittratt tal-barriers lill-Kunsill qabel ma jitwaħħlu.

2.04 Rif. Nru. 482

Saret riferenza għall-e-mail mingħand il-Kap ta' l-iskola Fra Diego Bonanno dwar Jum il-Premjazzjoni fit-28 ta' Marzu 2006. Il-Kunsill ġie nformat li ngħataw Lm8 sabiex jinxtraw kotba għall-istudenta mil-lokalita' ta' San Ġiljan.

2.05 Rif. Nru. 484

Saret riferenza għall-e-mail mingħand l-STMicroelectronics Computer Training rigward id-dati ta' meta ser jibdew il-korsijiet. Il-Kunsill

iddeċieda unanimament li, għat-trasport li ser jipprovdi, jintużaw l-istess 'pick-up points' li jintużaw meta ssir xi attivita' soċjali.

2.06 Rif. Nru. 515

Saret riferenza għall-ittra mingħand The General Soft Drinks Co. Ltd dwar sitwazzjonijiet fejn ikollhom jidħlu f'Paceville filgħaxijiet b'xogħol ta' emerġenza. Ġie deċiż unanimament li l-kumpannija tingħata permess b'sitt xhur prova, fejn kull darba li tinħoloq sitwazzjoni simili u jidħlu Paceville tintwera l-ittra lill-Pulizija. F'każ li tingħata xi ċitazzjoni, l-Kunsill għandu jiġi nfurmat immedjatament u jiġi provdut kopja tal-Job Card fejn kien ser jingħata s-servizz.

2.07 Rif. Nru. 600

Saret riferenza għall-ittra mingħand l-Environmental Landscapes Consortium Ltd dwar il-ħsarat li saru bil-maltemp lis-Siġar taż-Żebbuġ li hemm mal-promenade. Il-Kunsill qabel unanimament li s-siġar ma jinbidlux u dawk li mietu jinbidlu ma' dawk li kienu tneħħew minn ħdejn in-Neptunes Waterpolo Club.

2.08 Rif. Nru. 625

B'riferenza għall-email mingħand il-Faces Consultants Ltd rigward l-estenzjoni tal-gallerija, fejn għandu jiġi nstallat il-bus shelter ta' Triq San Ġorġ, faċċata tal-Każin tal-Banda ġie deċiż unanimament li tintbagħat ittra lill-Pert Joseph Zerafa Boffa A. & C.E. tad-Diviżjoni tax-Xogħolijiet u kopja tagħha lill-Faces Consultants Ltd. fejn jiġi nfurmat li għaddew aktar minn ħmistax-il ġurnata u x-xogħol għadu ma sarx.

2.09 Rif. Nru. 653

Saret riferenza għall-e-mail mingħand il-Monsinjur Emmanuel Curmi dwar programm għal ġbir ta' fondi b'risq il-Fondazzjoni Arka. Ġie deċiż unanimament li tingħata donazzjoni ta' Lm50 sabiex jiġu ppreżentati waqt il-maratona ta' ġbir ta' fondi fid-Dar Arka.

2.10 Rif. Nru. 680

B'riferenza għall-e-mail mingħand il-Maltapost p.l.c. ġie deċiż unanimament li tintbagħat ittra fejn il-Maltapost tiġi nfurmata li l-Kunsill ma jaċċettax ir-risposta li ntbagħtet minħabba li l-Kunsill qed ikollu ħafna lmenti mingħand ir-residenti u meta il-kaxxi ta' l-ittri ngħalqu l-Kunsill l-anqas biss ġie kkunsultat. Għaldaqstant il-Kunsill qed jerġa jitlob li terġa tiġi kkunsidrata t-talba tiegħu.

2.11 Rif. Nru. 738

Saret riferenza għall-ittra mingħand Lofaro and Tanti-Dougall Law Firm dwar talba għal appuntament f'isem Exclusive Car Parks Ltd biex topera

l-car park ta' fejn il-Corinthia San Ġorġ Hotel. Ġie deċiż unanimament li s-Sindku s-Sur Peter Bonello jiltaqa' magħhom u wara jinforma lill-Kunsill.

2.12 Rif. Nru. 740

Saret riferenza għall-ittra mingħand l-Awtorita' ta' Malta dwar it-Turiżmu rigward talba biex isiru 5 "reserved parkings" ħdejn il-Palazz ta' Spinola minn fejn topera. Ġie deċiż unanimament li il-Kunsill ma jilqax t-talba li saret minħabba li jinħoloq preċident. Ninfurmawhom ukoll li l-indirizz tal-Kunsill inbidel.

**3. Rapport ta' Xogħolijiet**

3.01 Saret riferenza għar-Rapport ta' Xogħolijiet fuq l-andament tal-Kunsill li ntbagħat lill-Kunsilliera kollha xi ġranet qabel (Ara Appendiċi 'D').

3.02 Wara diskussjoni qasira l-Kunsillier David Borg ippropona l-approvazzjoni tar-Rapport tax-Xogħolijiet.

3.03 Il-Kunsillier Karl Gouder issekondah

3.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

**6. Aġġornament Residents' Parking Scheme**

6.01 Il-Kunsill ġie pprezentat b'kopja tal-minuti tal-laqgħa nformali miżmuma fl-1 ta' Frar 2006 (Ara Appendiċi 'E').

6.02 Il-Kunsill qabel unanimament li jsiru 5000 hologram stickers sabiex jitwaħħlu mal-windscreem fuq ġewwa u biex jitneħħew jridu jitqattgħu. Dawn l-istickers jinħarġu fix-xahar li tiġġeded ir-'road licence' u fuqhom jkun hemm:-

- Dettalji tal-Kunsill inkluż il-logo;
- Permit Number;
- Registration Number;
- Model;
- Colour;
- Valid from: to:
- Signature:

**7. Approvazzjoni għall-Pagamenti tal-Kontijiet**

7.01 Iċ-Chairman Peter Bonello ressaq il-pagamenti għall-approvazzjoni (Ara Appendiċi 'F').

7.02 Il-Kunsillier Edgar Montanaro ppropona l-approvazzjoni għall-pagamenti tal-kontijiet.

7.03 Il-Kunsillier Karl Gouder issekondah.

7.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

7.05 Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni li jsiru l-pagamenti ta' kontijiet oħra li rċieva dment li dawn jiġu ċċertifikati mill-Contracts Manager.

7.06 Il-Kunsillier David Borg ġie skużat fis-6.25 p.m.

**8. Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets**

8.01 Iċ-Chairman Peter Bonello ressaq il-Purchase Request Sheets minn nru. 1965 sa 1977 għall-approvazzjoni (Ara Appendiċi 'Ġ').

8.02 Il-Kunsilliera Karl Gouder ippropona l-approvazzjoni tal-Purchase Request Sheets minn 1965 sa 1977.

8.03 Il-Kunsillier Richard Scicluna ssekondah.

8.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

**9. Materji Oħra**

9.01 Saret sospensjoni tar-regolamenti sabiex jiġu diskussi materji oħra.

9.02 Ma kienx hemm oġġezzjoni.

9.03 Ġie deċiż li:-

- l-laqgħa ta' Paceville Hamlet issir it-Tlieta 14 ta' Marzu 2006 bejn is-6 p.m. u t-8 p.m. filwaqt li l-laqgħa tal-lokalita' ssir il-Ħamis 16 ta' Marzu 2006 bejn is-6 p.m. u t-8 p.m. Iż-żewġ laqgħat ser isiru fl-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill.

- is-Sur Albert Borg ta' M.P. & D.C. jiġi nformat li n-naħa ta' ġnien tal-Kurridur Ekoloġiku Ta' Ġiorni, l-ewwel fażi, għadu mhux jixgħel id-dawl li sar u li wieħed mill-arbli qed jiċċaqlaq.

- Tinġibed l-attenzjoni tal-MEPA minħabba li l-ħajt tal-Palazz ta' Spinola fi Triq San Ġorġ k/m Triq Spinola ġie miżbugħ minn tal-'Bar' u ma tħallix kif kien oriġinaljament. Għaldaqstant qed jintalab biex dan il-ħajt jerġa jsir kif kien qabel.

9.04 Il-Kunsill ġie nformat li nhar il-Ġimgħa 17 ta' Frar 2006 is-Sindku Peter Bonello u s-Segretarju Eżekuttiv Helen Walker kellhom laqgħa l-Ministeru ta' l-Investiment, Industrija u Informatika dwar 'Community Training and Learning Centres.' Fejn ġew informati li ser jitwaqqfu numru ta' ċentri u li f'San Ġiljan ser issir fil-Millenium Chapel u li hemm xi spejjeż li l-Kunsill ser ikollu jħallas ( Ara Appendiċi 'Ħ').

9.05 Wara diskussjoni ġie deċiż unanimament li l-Kunsill jipparteċipa f'dan il-programm bl-ispejjeż b'kollox u li l-Kunsill javviċina lill-banek l-HSBC u l-BOV biex forsi jisponsorjaw xi spejjeż involuti.

9.06 B'riferenza għall-attivita' tal-Karnival il-Kunsill ġie nformat mill-organizzaturi b'dawn l-ispejjeż:

| | | |
|---|---|---|
| ➢ Annalise & Alison School | | 50.00 |
| ➢ Sound & Co-ordination | | 150.00 |
| ➢ Transpost 4 Companies & Reimbursement (4 Coaches + 1 mini van) | | 300.00 |
| ➢ Karru Mġarr & Qormi | | 50.00 |
| ➢ Transport Louie Noir | | 35.00 |
| ➢ Bżieżaq għal waqt il-Karnival | | 36.00 |
| ➢ Total | Lm | 621.00 |

9.07 l-Kunsill ġie nformat ukoll li ser jingħata ċertifikat lill-parteċipanti.

9.08 Inġibdet l-attenzjoni tal-Kunsill li ntbagħtet e-mail bħala reminder lill-Malta Football Association dwar appuntament li l-Kunsill għadu qed jistenna dwar l-arranġament għat-turf u l-fencing għall-proġett f'Ta' Ġiorni.

9.09 Iċ-Chairman Peter Bonello għalaq il-laqgħa fis-7.00 p.m.

Peter Bonello
Sindku

Helen Walker
Segretarju Eżekuttiv